MALTA

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-6 ta' Marzu 2017

Rikors Maħluf numru: 326/15LM

**Silver King Limited (C 42298)**

**vs.**

**Enemalta plc**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi **Silver King Limited** (C 42298) (minn issa 'l quddiem "is-soċjeta' attriċi"), li ġie preżentat fl-10 ta' April, 2015 u li ġie maħluf minn Pierre Darmanin, li jaqra kif ġej:

1. *Illi fix-xahar ta' Lulju, 2013, is-soċjetà attriċi kienet saritilha perkwiżizzjoni fuq supply vessel tagħha MV Silver King f'ibħra internazzjonali mill-addetti tal-Forzi Armati u l-Pulizija Maltija u dana minħabba allegazzjoni ta' tniġġiż f'ibħra*

*internazzjonali. Dina l-operazzjoni tal-awtoritajiet ma kinitx tinvolvi biss l-bastiment imsemmi;*

2. *Illi per konsegwenza ta' dina l-operazzjoni nfetħet lokalment inkjesta Maġisterjali li kienet preseduta mill-Maġistrat dak iż-żmien Dr Edwina Grima. Illi dina l-inkjesta ġiet magħluqa u ġie dikjarat li ma kien kommess xejn illegali mis-soċjetà attriċi jew l-addetti tagħha;*
3. *Illi fil-mori tal-inkjesta, l-intimati ħadu għandhom bi qbil konsegna u ammont ta' fuel tat-tip diesel li s-soċjetà attriċi kellha maħżun fuq l-imsemmi bastiment. Illi bejn wieħed u ieħor l-esponenti kellhom ċirka mija u disgħin (190) tunnellata diesel abbord dana l-bastiment;*
4. *Illi minkejja li ġie dikjarat li l-esponenti ma kkomettew ebda illegalità u minkejja li s-soċjetà konvenuta effettivament qatt ma ċaħdet li kellha tħallas lill-esponent l-valur tad-diesel li kienet xtrat, il-ħlas u l-pagament baqa' ma sar qatt minkejja li l-intimati ġew debitament interpellati sabiex iħallsu;*
5. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, is-soċjetà attriċi umilment qiegħda titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi għal valur ta' kwantità ta' diesel li l-istess soċjetà kienet ħadet mingħand l-attriċi kif ser jirriżulta waqt is-smigħ ta' din il-kawża;*

2. *Tillikwida il-valur tad-diesel li ġie kkonsenjat lis-soċjetà konvenuta, fil-mument tal-konsenja;*

3. *Tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-valur hekk likwidat lis-soċjetà attriċi.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju li għamlet is-soċjetà attriċi, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata ta' din il-kawża, u b'hekk is-soċjetà konvenuta tibqa' inġunta għas-subizzjoni.*

Rat r-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Enemalta plc** (minn issa l-quddiem "is-soċjeta konvenuta"), li ġiet preżentata fit-8 ta' Mejju, 2015 u li

ġiet maħlufa mir-rappreżentant ġudizzjarju tal-istess soċjetà Eric Montfort, fejn ġie eċċepit is-segwenti:

1. *Illi permezz ta' żewġ digrieti tat-2 ta' Awwissu, 2013 u tas-26 ta' Awwissu, 2013 li ngħataw mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Edwina Grima fl-atti tal-Inkjesta dwar allegat tixrid ta' fuel bil-baħar kif ukoll allegat trasferiment illegali ta' fuel li seħħ fl-1 ta' Lulju, 2013, l-imsemmija Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet u ordnat illi l-fuel li kien jinsab fuq il-vapur MV Silver King jinġarr mill-uffiċjali tas-soċjetà konvenuta u jittieħed biex jinżamm u jintuża mis-soċjetà konvenuta b'riserva għad-dritt ta' kumpens favur is-sidien tal-fuel f'eventwalità illi ma jittieħdu ebda proċeduri kriminali u l-imsemmi ammont ma jkunx suġġett għall-konfiska kif jidher mill-kopji tal-imsemmija digrieti annessi u mmarkati bħala DOKUMENT "A"[1];*
2. *Illi s-soċjetà konvenuta segwiet l-ordnijiet kollha li ngħataw mill-Maġistrat Inkwirenti Dr Edwina Grima fid-digrieti hawn fuq imsemmija;*
3. *Illi l-imsemmija digriet tat-2 ta' Awwissu, 2013 jistipula biss illi s-soċjetà attriċi għandha "...dritt ta' kumpens ..."* imma ma jidħolx f'dettalji rigward it-tip ta' kumpens li għandu jingħata lis-soċjetà attriċi;
4. *Illi s-soċjetà konvenuta qatt ma ċaħdet li kellha tagħti kumpens lis-soċjetà attriċi u għandha kull intenzjoni li tagħti l-imsemmi kumpens lis-soċjetà attriċi mill-aktar fis possibbli. Fil-fatt is-soċjetà konvenuta kienet offriet kumpens in natura lis-soċjetà attriċi jew kumpens fi flus li jammonta għal €83,014.54 (tlieta u tmenin elf u erbatax-il Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu), u kellha meeting mas-soċjetà attriċi u bagħtet ittra datat 1 ta' Ottubru, 2014 u emails rigward il-kumpens lis-soċjetà attriċi u kkuntattjat lis-soċjetà attriċi diversi drabi biex jagħmlu meeting ieħor, imma s-soċjetà attriċi baqgħet ma tatx risposta lis-soċjetà konvenuta rigward l-offerti ta' kumpens da parti tas-soċjetà konvenuta kif ħa jiġi*

[1] L-ewwel digriet jinsab *a fol.* 10 u 11, fejn il-Maġistrat Inkwirenti fid-digriet tagħha minħabba li kkunsidrat li ż-żamma tal-*fuel* fuq il-bastiment jista' jkun ta' perikolu kemm għall-ekwipaġġ fuq il-vapur u kemm għall-ambjent, laqgħat it-talba li kienet saret mill-Kummissarju tal-Pulizija (minħabba tali perikolu) u żiedet tgħid : "Dana l-fuel **għandu** jinġarr mill-uffiċjali tal-Enemalta u jittieħed biex jinżamm u jintuża mill-Enemalta Corporation u dana għas-spejjeż tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u b'riserva għad-dritt ta' kumpens favur is-sidien tal-*fuel* f'eventwalità illi ma jittieħdu ebda proċeduri kriminali u l-imsemmi ammont ma jkunx suġġett għall-konfiska". It-tieni digriet jinsab *a fol.* 12 u li fih issir biss kjarifika li l-bastiment minn fejn ġie **ordnat** jitneħħa l-*fuel* kien MV Silver King u reġgħet żiedet: "**Tordna** illi l-fuel jitneħħa minn fuq il-bastiment MV Silver King hekk kif **ordnat** fid-digriet... ." (Enfasi ta' din il-Qorti).

*ampjament ppruvat mis-soċjetà konvenuta fil-kawża odjerna u kif jidher ukoll mid-dokumenti annessi u immarkati bħala DOKUMENT "B"*[2]*;*

5. *Illi għal kull buon fini s-soċjetà konvenuta qiegħda tiddepożita l-imsemmija somma ta' €83,014.54 (tlieta u tmenin elf u erbatax-il Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu), 2015 permezz ta' Ċedola ta' Depożitu kopja ta' liema hija annessa u immarkata bħala DOKUMENT "C"*[3]*.*

*Għar-raġunijiet kollha premessi t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra tagħha.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-kontendenti.

Rat d-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet li ġiet ippreżentata mis-soċjetà konvenuta.

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

---

[2] (i) *A fol.* 13: ittra datata 1 ta' Ottubru, 2014 mill-Avukat Dr Erika Grech għall-Enemalta lill-avukat tas-soċjetà attriċi Dr Edward Gatt fejn b'risposta għal ittra tas-soċjetà attriċi datata 11 ta' Settembru, 2014, tgħid*: "Numerous attemps from our end have been made to set up a meeting with your good self to conclude this matter, but to date have been unsuccessful. You are therefore requested to contact my office at the above details to set up a meeting accordingly. In the event that no appointment is made by the 31st October, 2014, Enemalta will take it that you and your client are no longer interested in this issue.";* (ii) *A fol.* 14 u 15: e-mail datat 23 ta' Settembru, 2014 fejn Eric Montfort għall-Enemalta informa lil Dr Gatt li Dr Erika Grech kienet qed tipproponi meeting għad-29 ta' Settembru, 2014 u risposta ta' Dr Gatt li qallu tajjeb għalih dik id-data.

[3] *A fol.* 16 tal-proċess.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2017, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**<u>Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet</u>**

Illi s-segwenti fatti mhumiex ikkontestati mill-partijiet:

(i) F'Lulju tat-2013 kienet saret perkwiżizzjoni fuq diversi vapuri f'ibħra internazzjonali, inkluż l-vapur MV Silver King tas-soċjeta attriċi, minħabba allegat tniġġiż u din ġiet segwita b'Inkjesta Maġisterjali presjeduta mill-Maġistrat Dr Edwina Grima, li waqt l-istess inkjesta ordnat lis-soċjetà konvenuta tieħu l-*fuel* li kien abbord erba' vapuri li ġew indagati f'din l-inkjesta.[4] Fil-każ tal-MV Silver King bid-digriet tagħha il-Qorti, wara talba tal-Kummissarju tal-Pulizija stante li l-*fuel* kien ta' perikolu kemm għall-ekwipaġġ abbord kif ukoll għall-ambjent, ordnat illi:

> "Dana il-fuel **għandu** jinġarr mill-uffiċjali tal-Enemalta u jittieħed biex jinżamm u jintuża mill-Enemalta Corporation u dana għas-spejjeż tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u b'riserva għad-dritt ta' kumpens favur is-sidien tal-fuel f'eventwalità illi ma jittieħdu ebda proċeduri kriminali u l-imsemmi ammont ma jkunx suġġett għall-konfiska".[5]

---

[4] Ċjoè MT Santa Maria, MT Xmun, MV Alice u MV Silver King skont dok. HA2 *a fol.* 91 li hi kopja tal-ittra tal-Ispettur Roderick Zammit għall-Kummissarju tal-Pulizija lill-Enemalta għar-rilaxx tal-*fuel* li kien maqbud u meħud għand l-Enemalta.

[5] Enfasi hi ta' din il-Qorti.

(ii) Qabel l-elevazzjoni tal-*fuel* fid-9 ta' Lulju, 2013 kien sar *survey* minn Anton Cilia għan-nom ta' Saybolt Malta Limited li ġiet inkarigata mis-soċjetà konvenuta. Kien iffirma s-*survey* kemm is-*surveyor* kif ukoll Pierre Darmanin għan-nom tal-bastiment MV Silver King[6] fejn ġie ċċertifikat li MV Silver King kellu mneħħija minn abbord l-ammont kollu ta' *fuel* tat-tip *gasoil* fl-ammnot ta' 158.604 Metric Tons (*190.40 cubics observed*).[7]

(iii) Dan il-*gasoil* effettivament intuża (inħaraq) fit-tankijiet tal-*power station* ta' Delimara għax ma kiex hemm post fejn jitqiegħed, anki għax l-Enemalta skont l-impjegati tagħha li xehdu, diġà kellha ħażna kbira ta' *gasoil* u ma kellhiex fejn taħżen aktar.[8]

Illi dak li ma jaqblux dwaru u qegħdin jikkontestaw il-kontendenti f'din il-kawża huwa proprju l-valur tal-kumpens illi għandu jitħallas lis-soċjetà attriċi għall-*gasoil* lil ttieħed mis-soċjetà konvenuta fuq ordni tal-Qorti.

Illi s-soċjetà konvenuta ssostni li meta rċeviet l-ittra tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiġi rilaxxjat il-*fuel* maqbud, hija kienet għamlet offerta lill-erba' sidien tal-vapuri involuti fejn tathom l-għażla illi jew jingħataw lura l-istess ammont *fuel* li kien ittieħed mingħandhom jew inkella li tħallashom il-

[6] Parti minn dan is-*survey* tinsab esebita bħala dok. PD1 u dok. PD2 *a fol.* 46 u 47 li ġiet ippreżentata minn Pierre Darmanin u parti oħra minn dan l-istess *survey* tinsab esebita *a fol.* 68 u 69 li ġiet ippreżentata minn Philip Borg, l-*Operations Manager* tal-Enemed, li kienet il-*Petroleum Division* tal-Enemalta u li inkarigat lill-kumpannija Saybolt biex tagħmel is-*survey.*

[7] Dawn iċ-ċifri ġew spjegati mill-imsemmi Philip Borg fix-xhieda tiegħu *a fol.* 64 fejn jgħid li t-tunnellaġ kien ta' 158.604 iżda dan jieħu 190 *cubic metres* spazju għax id-densità mhux bħall-ilma fejn 190 *cubic metres* isarrfu f'tunnellaġ ta' 190.

[8] Id-digriet tal-Magistrat Inkwirenti kien jispeċifika li l-*fuel* "jittieħed biex jinżamm u jintuża".

prezz tal-fuel bil-prezz internazzjonali tas-suq ta' dakinhar tal-*meeting* fejn saret l-offerta.

Illi min-naħa tagħha s-soċjetà attriċi ma aċċettax li tieħu lura l-istess ammont ta' *gasoil* li kien ittieħed mingħandha fuq ordni tal-Qorti u lanqas aċċettat il-prezz offrut mis-soċjetà konvenuta ta' €83,014.54, ċjoè l-prezz tas-suq internazzjonali fil-ġurnata tal-*meeting* li sar fl-20 ta' April, 2015. Ċirkostanza materjali u rilevanti għal din il-vertenza huwa l-fatt illi fiż-żmien li saret din l-offerta mis-soċjetà konvenuta il-prezz taż-żejt kien relattivament baxx, ħafna inqas minn kif kien meta ttieħed minn fuq abbord il-vapur, ċjoè fit-28 ta' Awwissu, 2013.[9] Proprju għalhekk saret din il-kawża għax filwaqt li s-soċjetà attriċi tippretendi li titħallas bil-prezz internazzjonali ta' meta il-*fuel* tneħħa minn fuq abbord il-vapur tagħha, is-soċjetà konvenuta ddepożitat il-Qorti permezz ta' Ċedola ta' Depożitu Nru 697/2015 l-istess somma ta' flus li ġie offrut fil-*meeting* tal-20 ta' April, 2016.[10]

**<u>Konsiderazzjonijiet fattwali</u>**

Illi min-naħa tas-soċjetà attriċi ma sar l-ebda tentattiv biex tiġi esebita dokumentazzjoni ta' kemm kien ġie jiswihom il-*gasoil* inkwistjoni meta xtrawh. Id-direttur tas-soċjetà attriċi **Pierre Darmanin**[11] xehed li kienu

---

[9] Skont ix-xhieda tal-*Financial Controller* tal-Enemalta Stephen Caruana a fol. 80 tal-proċess.
[10] *A fol.* 16.
[11] *A fol.* 22.

ttieħdulu minn abbord il-vapur *circa* 190 tunnellata diesel u qal ukoll illi l-prezz ta' meta l-kumpannija tiegħu xtrat dan il-*gasoil* kien ta' "jekk mhux sejjer żball xi one hundred thirty two thousand euro". Veru li fuq domandi tal-Qorti hu kkonferma dak li hemm mitlub fir-rikors, ċjoè li qed jippretendu ħlas "bil-prezz ta' meta ħaditu l-Enemalta". Fir-Rikors Maħluf tagħha s-soċjetà attriċi tgħid illi l-fuel inkwistjoni kien *diesel,* u fil-fatt lill-**Inġinier Phyllis Micallef** għan-nom tar-Regolatur tal-Enerġija u s-Servizz tal-Ilma[12] prodotta mis-soċjetà attriċi, ġiet mitluba mill-istess soċjetà attriċi biex tagħti l-prezz tal-*French diesel* għax-xahar ta' Lulju, 2013 u mhux ta' meta saret l-elevazzjoni tal-*gasoil* f'Awwissu 2013. Mill-provi li ppreżentat is-soċjetà attriċi ma jirriżultax meta eżattamet kien ittieħdilha l-*fuel* inkwistjoni. Oltre dan, mid-dokumentazzjoni ffirmata minn P. Darmanin għan-nom ta' MV Silver King, u ċjoè s-*survey* li sar qabel l-elevazzjoni, turi t-28 ta' Awwissu, 2013 bħala d-data meta l-vapur ġie *discharged* mill-*fuel* u fid-dokument esebit minn Pierre Darmanin stess permezz ta' nota[13], hemm indikat ċar u tond li l-kwantità ta' *fuel* li ttieħdet kienet ta' 158.604 *Metric Tons Air (190.410 cubics observed).* Oltre dan, il-parti taċ-ċertifikat li ġie esebit minn Philip Borg għall-Enemalta[14], li l-istess Pierre Darmanin ma esebix, għalkemm il-Qorti hija konvinta li kellu kopja tiegħu, tiddeskrivi dan il-*fuel* ċar u tond bħala *gasoil.* L-istess Phyllis Micallef in kontroeżami fil-fatt spjegat li l-prezz tad-*diesel* fis-swieq internazzjonali hu ogħla mill-prezz tal-*gasoil.*

[12] Li ħadet il-funzjonijiet tal-*Malta Resources Authority* fejn dawn għandhom x'jaqsmu mal-enerġija.
[13] *A fol.* 46 tal-proċess.
[14] Dok. PB1, *a fol.* 68.

Il-Qorti tqis illi ma tistax tagħti wisq affidament għal dak li xehed Pierre Darmanin, id-direttur tas-soċjetà attriċi. Tqis ukoll li l-istess soċjetà attriċi ma għamlitx wisq sforz biex tiċċara x'kienet qed tippretendi bħala ammonti u fuq liema kwantitajiet. Fit-trattazzjoni finali li saret quddiem il-Qorti, l-abbli avukat difensur tas-soċjetà attriċi ta x'jifhem illi s-soċjetà attriċi mhux qed tikkontesta l-kwantità ta' tunnellaġ u sempliċement jgħid li d-differenzi huma irrilevanti meta fil-fatt ma kinux. Lanqas ma kkontesta l-*workings* tal-Enemalta kif inħadmu, iżda żamm ferm il-kontestazzjoni min-naħa tas-soċjetà attriċi għar-rigward ta' b'liema prezz għandha s-soċjetà attriċi tiġi kkumpensata, u ċjoè bil-prezz ta' meta l-*gasoil* ittieħed mis-soċjetà konvenuta u mhux bil-prezz tad-data tal-*meeting* mas-soċjetà konvenuta.

Illi min jallega jrid jipprova jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif jgħid wara kollox l-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ġie ritenut b'mod kostanti fis-sentenzi tal-Qrati tagħna.[15]

Illi ladarba l-Qorti ma tistax toqgħod fuq dawn il-versjonijiet differenti mogħtija mix-xhud Pierre Darmanin, li kellu hu l-obbligu li jġib il-provi, bħal prezzijiet, kwantitajiet, dati eċċ, ser toqgħod fuq ix-xhieda preċiża mogħtija mill-impjegati tas-soċjetà konvenuta.

Illi kif xehed **Stephen Caruana**[16], il-Financial Controller tas-soċjetà konvenuta, li x-xhieda tiegħu ma ġietx ikkontestata bl-ebda mod mis-

[15] **Dr H. Lenicker vs. J. Camilleri**, P.A., 31.05.1972, **Peter Paul Aquilina vs. Paul Vella**, App. Inf., 02.05.1995 u **Anthony Azzopardi *et. noe. vs.* Lapsi Holdings Limited**, P.A., 19.01.2015.

soċjetà attriċi, dan spjega l-*workings* tal-prezzijiet internazzjonali tal-*gasoil* li s-soċjetà konvenuta kienet ordnata li tieħu mill-Maġistrat Inkwirenti, kemm (1) meta ittieħed il-*fuel* minn fuq MV Silver King u ċjoè fit-28 ta' Awwissu, 2013 u (2) kemm meta sar il-*meeting* u ġie offert il-prezz ta' dakinhar, ċjoè 20 ta' April, 2015. Dan ix-xhud ħadem il-*workings* tiegħu billi ħa r-rati internazzjonali tal-Indiċi Platts f'dawk id-dati, multiplikati bit-tunnellaġġ bir-rata tad-Dollaru Amerikan mal-Euro wkoll f'dawk id-dati biex jiġu konvertiti f'Euro. L-ewwel kalkolu ġie €116,008.96 u t-tieni kalkolu ġie €83,014.54, l-ammont offrut lis-soċjetà attriċi mis-soċjetà konvenuta u li sussegwentement ġie depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti permezz ta' ċedola. Żgur mhux xi differenza bin-nofs li semma fi stadju minnhom Pierre Darmanin[17] bejn dak li riedu joffrulu l-EneMalta u l-valur tal-*fuel* meta ttieħed mingħandu, u lanqas €70,000 li semma fi stadju ieħor tax-xhieda tiegħu.[18]

Illi fi kwalunkwe każ xorta jifdal kontestazzjoni bejn il-pożizzjoni rispettiva taż-żewġ partijiet f'din il-kawża fuq id-differenza bejn iż-żewġ prezzijiet ta' €32,994.42 u li trid tiġi eżaminata anki fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet legali li jridu jsiru. Però l-Qorti trid teżamina qabelxejn 'il għaliex wara li ġie ordnat ir-rilaxx tal-*gasoil* bil-komunikazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fit-8 ta' Lulju, 2014 lis-soċjetà konvenuta, dan dam 9 xhur oħra biex javvera ruħu. L-abbli avukat tas-soċjetà attriċi, fil-kontroeżami ta' Henry Attard, l-Executive Director Finance tas-soċjetà konvenuta, irrimarka li wieħed allura

---

[16] *A fol.* 79 sa 82.
[17] *A fol.* 28.
[18] *A fol.* 28.

joqgħod jistenna l-aħjar żmien meta l-prezzijiet ikunu baxxi u li jaqbel lis-soċjetà konvenuta biex jagħmel il-meeting dak iż-żmien. Din anki kienet l-linja prinċipali ta' argumentazzjoni fit-trattazzjoni finali tiegħu. Fil-kontroeżami ta' **Pierre Darmanin** meta din il-Qorti staqsietu: "Jiġifieri offrewlek il-prezz taż-żejt ta' dakinhar tal-meeting?", hu irrisponda "Iva", però żied jgħid:[19]

> "Jien ma nistax immur nimla l-karozza bil-petrol ix-xahar l-ieħor u mmur inħallas bil-prezz ta' dan ix-xahar, għax kieku kulħadd hekk jagħmel. Jien bil-prezz li tawni l-Enemalta nitlef flus kbar enormi."

Illi l-istess xhud **Pierre Darmanin** meta mistoqsi mill-avukat tiegħu, qal :

> "Avukat: Peress illi ma rriżulta li ma kien hemm ebda *foul play* u l-inkjesta ngħalqet, int għamilt xi ħaġa minħabba d-diesel imbagħad?
>
> Pierre Darmanin: Iva morna l-Enemalta nitkellmu ma' ċertu Frederick Azzopardi u ried iħallasni tal-fuel bil-prezz tal-lum u bħal speċi aħna ma qbilnix għax jiena xtraju bl-*international price* ta' dak iż-żmien u għidtlu biex iħallasni bl-*international price* ta' dak iż-żmien u qalli "le"".[20]

Illi mill-provi mressqa mis-soċjetà attriċi, ma tingħata l-ebda spjegazzjoni għalfejn minkejja li l-ordni tar-rilaxx tal-*gasoil* ġiet komunikata lill-EneMalta fit-8 ta' Lulju, 2014, il-*meeting* meta s-soċjetà konvenuta għamlet l-offerta bil-prezz attwali ta' dakinhar, kien sar fl-20 ta' April, 2015, u ċjoè disa' (9) xhur wara. Fir-Rikors Maħluf isir riferiment għall-protest ġudizzjarju li

[19] *A fol.* 28 tal-proċess.
[20] *A fol.* 22 tal-proċess.

ppreżentat is-soċjetà attriċi, iżda mill-provi mressqa mis-soċjetà attriċi ma ssemma xejn dwar dan u lanqas ġiet ippreżentata kopja ta' dan il-protest ġudizzjarju.

Illi kif din il-Qorti kellha tagħmel biex setgħet tasal għall-prezzijiet tal-*gasoil,* l-istess ikollha tagħmel għar-rigward tad-dewmien u ta' x'ikkontribwixxa tabilħaqq għalih, billi ddur fuq il-provi mhux ikkontestati li ġew imressqa mis-soċjetà konvenuta.

Illi **Henry Attard**[21] l-Executive Director Finance tas-soċjetà konvenuta, xehed illi kif irċevew mill-Pulizija l-ordni ta' rilaxx, kitbu lill-erba' vapuri konċernati. Is-sidien tat-tliet vapuri l-oħra kkomunikaw lura u l-*meetings* magħhom u l-offerti lilhom saru f'Awwissu, 2014. Iżda s-soċjeta konvenuta ma rnexxilhiex tikkomunika mas-soċjetà attriċi bl-istess mod. Bl-ebda mod ma ġie ppruvat mis-soċjetà attriċi, u kien jinkombi fuqha li tagħmel dan, illi kien hemm xi tentattiv ta' dilungar min-naħa tas-soċjetà konvenuta bl-iskop li l-prezz internazzjonali jkompli jinżel aktar. Is-soċjetà konvenuta kellha għalhekk tagħti struzzjonijiet lill-avukata tagħha biex tibgħat ittra lill-avukat tas-soċjetà attriċi[22] li kienet tgħid:

> *"Numerous attempts from our end have been made to set up a meeting with your good self to conclude this matter, but to date have been unsuccessful. You are therefore requested to contact my office at the above details to set up a meeting accordingly."*

[21] *A fol.* 88 u 89 tal-proċess.
[22] *A fol.* 13.

Illi l-faxes esebiti mis-soċjetà konvenuta[23] wkoll juru li qabel kien hemm proposti ta' dati li ma nżammewx mis-soċjetà attriċi. Nonostante dan kollu, l-*meeting* sar biss fl-20 ta' April, 2015, u jidher li dewmien kien biss min-naħa tas-soċjetà attriċi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' dritt</u>**

Illi fl-ewwel lok dan ma kienx sempliċi bejgħ, fejn kien ikun hu ovvju li l-prezz kellu jkun ta' meta seħħ il-bejgħ, sakemm ma jkunx hemm spekulazzjoni bejn il-partijiet jew *hedging* fejn jiftiehmu prezz fiss irrispettivament meta jinxtara, li ma kienx il-każ hawnhekk. Il-*gasoil* ġie pprelevat mingħand is-soċjetà attriċi u meħud mis-soċjetà konvenuta fuq ordni tal-Maġistrat Inkwirenti bl-iskop li tiġi evitata ħsara lill-ekwipaġġ u lill-ambjent f'każ li l-vapur jitħalla irmunkat mimli max-xatt[24]. Huwa ovvju li dan it-trasferiment ta' *gasoil* ma kienx b'riżultat ta' xi attività kummerċjali. Mix-xhieda li taw l-impjegati tal-Enemalta, li l-Qorti ma tarax għalfejn din m'għandhiex tiġi emmnuta, jirriżulta li l-EneMalta kellha ħażna kbira ta' *gasoil* għal diversi snin. Ċertament dawn l-uffiċjali tal-EneMalta ħassuhom obbligati bl-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati, li għamlitilhom kundizzjoni li dan il-*gasoil* setgħu jużwah, basta jekk sussegwentement dan jiġi rilaxxat, jingħata kumpens lis-soċjetà attriċi.

[23] Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 2 aktar 'il fuq.
[24] Skont l-*Operations Officer* tal-Enemed, Philip Borg *a fol.* 64 tal-proċess, il-vapur *"kien qiegħed arrestat l-Isla"*.

Tqis illi għalhekk inħolqot sitwazzjoni li tista' tiġi assimilata ma' dik ta' kunsinnatarju jew depożitarju ta' oġġetti, fejn id-depożitarju/kunsinnatarju jista' jutilizza l-oġġetti. Difatti jeżistu diversi sentenzi tal-Qrati tagħna fejn qbid ordnat minn Inkjesta Maġisterjali u kkonsenjat f'idejn kunsinjatarju jew depożitarju, għandu jsegwi l-artikoli fil-Kodiċi Ċivili dwar depożitu. Fosthom insibu s-sentenza fl-ismijiet **Saviour Cutajar *et.* vs. Aġent Reġistratur tal-Qorti**[25], fejn jintqal is-segwenti:

> "Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jsawru dan il-każ jirreferu għad-depożitu u r-responsabbiltà tad-depożitant. F'dan il-każ, id-depożitu ma sarx mill-atturi, imma bis-saħħa ta' proċedura fi ħdan ta' atti tal-inkjesta Maġisterjali. Il-liġi tagħraf bejn għamliet differenti ta' depożitu, li jista' jkun wieħed hekk proprjament imsejjaħ jew jista' jkun sekwestru konvenzjonali. Tal-ewwel, imbagħad, jista' jkun jew depożitu volontarju jew inkella depożitu neċessarju.[26] F'kull kaz, il-kuntratt tad-depożitu jinvolvi it-tqegħid ta' ħaġa f'idejn ħaddieħor, bl-obbligu ta' dan li jħarisha u li jroddha lura *in natura* meta jintalab li jagħmel dan.[27] Jidher li, fiċ-ċirkostanzi li jikkaratterizzaw il-kaz preżenti, id-depożitu li sar f'idejn ir-Reġistratur imħarrek kien jixbaħ aktar lis-sekwestru konvenzjonali[28] li, madankollu, dwaru jgħoddu l-istess regoli u dixxiplina legali li jħarsu d-depożitu volontarju.[29]"

Illi f'dan il-każ id-depożitu seħħ fuq ordni tal-Maġistrat Inkwirenti. Kien hemm kundizzjoni li l-*gasoil* seta' jinżamm jew jintuża. L-abbli avukat tas-soċjetà attriċi, staqsa lill-impjegati tas-soċjetà konvenuta in kontroeżami jekk kinux avżaw lis-soċjetà attriċi li l-*gasoil* kien ser jintuża. Dan ma kienx

[25] P.A., 16.06.2005.
[26] Art. 1895 tal-Kap. 16.
[27] Art. 1891 tal-Kap. 16.
[28] Art. 1891 tal-Kap. 16.
[29] Art. 1924 tal-Kap 16.

hemm għalfejn jagħmluh għax tali użu kien awtorizzat bid-digriet tal-Qorti. F'każ bħal dan għandu japplika l-artikolu 1894 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid:

> "1894. Id-depożitu ta' flus jew ta' ħwejjeġ oħra li jintemmu bl-użu, hu regolat mil-liġijiet dwar is-self ta' ħaġa għall-konsum jew mutwu, meta lid-depożitarju tkun ingħatat is-setgħa li jinqeda bil-ħaġa ddepożitata għandu, bl-obbligu biss li jrodd daqsha tal-istess xorta u kwalità."

Illi s-soċjetà konvenuta setgħet kieku riedet ma tagħtix għażla lis-soċjetà attriċi u tinsisti li din tieħu *in natura* l-istess kwantità u kwalità ta' *fuel.* Iżda minflok is-soċjetà konvenuta għamlet offerta ta' ħlas ta' kumpens skont il-prezz internazzjonali attwali. Il-fatt li l-prezz taż-żejt niżel, żgur li dan ma kienx responsabbiltà tas-soċjetà konvenuta. Il-*gasoil* li s-soċjetà attriċi kienet tkun kostretta tieħu lura ai termini tal-artikolu 1894 tal-Kap.16, ċjoè *gasoil* tal-istess kwalità, fl-eventwalità li tipprova tbiegħu, kien ikollha toqgħod għall-prezzijiet attwali tas-suq internazzjonali xorta waħda.

Illi b'analoġija l-Qorti tagħmel riferiment għal dispożizzjoni fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li tista' tkun rilevanti għal każ odjern:

> "286. (1) Ħwejjeġ elevati mill-pussess tad-debitur, skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 282(1)(ċ), bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 293, għandhom ikunu minnufih trasferiti fil-pussess fiżiku tal-kunsinnatarju fil-preżenza tal-uffiċjal eżekuttiv tal-qorti, u l-kunsinnatarju għandu jirċievi u jżomm dawn il-ħwejjeġ f'post tal-ħażna awtorizzat mir-Reġistratur sakemm dawn il-ħwejjeġ jiġu mibjugħa jew sakemm **il-kunsinnatarju ma jingħatax ordnijiet oħra.**"[30]

[30] Enfasi tal-Qorti.

Illi fil-każ odjern il-Maġistrat Inkwirenti wara l-azzjoni tal-Pulizija, ordnat li l-*gasoil* seta' jinżamm jew jintuża mis-soċjetà konvenuta. Dak illi għamlet is-soċjetà konvenuta f'dan il-każ kien iddettat mill-ordnijiet tal-Qorti u l-azzjonijiet li ttieħdu waqt l-Inkjesta ma kellhiex x'taqsam magħhom is-soċjetà konvenuta. Għalhekk bl-ebda mod ma tista' tinżamm responsabbli għal danni minħabba ċaqliq fil-prezz internazzjonali taż-żejt. Is-soċjetà konvenuta kienet tkun responsabbli kieku qagħdet tkaxkar saqajha u ttawwal bla bżonn bl-iskop li forsi l-prezz ikompli jitbaxxa u l-offerta tagħha, ladarba s-soċjetà attriċi ma aċċettatx konsenja simili ta' *gasoil*, tispiċċa tonqos. Madankollu dan ma ġiex ippruvat minn min kien fl-obbligu li jagħmel din il-prova, is-soċjetà attriċi.

Tqis illi s-soċjetà konvenuta rnexxielha tasal għal prova konklussiva illi l-offerta tagħha saret meta saret minħabba biss id-dilungar u l-prokrastinazzjoni tas-soċjetà attriċi. Illi kif diġà ngħad, is-soċjetà konvenuta setgħet tinsisti li trodd lura *gasoil* ta' kwantità u kwalità simili għal dak li ttieħed minnha fuq ordni tal-Qorti. Però dan l-istadju ġie sorpassat għax is-soċjetà konvenuta aċċettat li ma tagħtihx lura l-*gasoil in natura.* Jiġifieri jekk issa qed toffri kumpens monetarju għax *del resto* l-*gasoil* ħarqitu fl-impjant tagħha stess kif kienet awtorizzata li tagħmel mill-Qorti, il-kumpens irid ikun ekwivalenti għall-kwantità u kwalità ta' *gasoil* li ġiet offruta waqt il-*meeting*, u ċjoè bil-prezz internazzjonali ta' dakinhar li kien €83,014.54.

Il-Qorti finalment tagħmel riferiment għas-sentenza ċitata mis-soċjetà konvenuta **Baldacchino Holdings Limited *vs.* J.J. Developers Limited** [31]:

> "Jekk il-kreditur ma jkunx irid jieħu l-ħlas, jew dak li għandu jedd iħallas, jista' bi spejjeż tal-kreditur, jiddepożita s-somma ..... bil-mod li jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."

Illi skont il-liġi tali depożitu jiswa daqs li kien il-ħlas proprju.[32]

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant il-Qorti għar-raġunijiet suesposti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **tilqa' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta;**
2. **tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi għal valur ta' kwantità ta' *gasoil* li l-istess soċjetà kienet ħadet mingħand is-soċjetà attriċi fuq ordni tal-Qorti;**
3. **tillikwida il-valur tal-istess *gasoil* skont il-prezz fis-suq internazzjonali fl-20 ta' April, 2015, fis-somma ta' tlieta u tmenin elf u erbatax-il euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€83,014.54);**

[31] P.A., 06.07.2012.
[32] Art. 1173 Kodiċi Ċivili.

4. **tordna r-rilaxx taċ-Ċedola ta' Depożitu Numru 697/2015 (*a fol.* 16 tal-proċess) magħmula mis-soċjetà konvenuta favur is-soċjetà attriċi fis-somma ta' tlieta u tmenin elf u erbatax-il euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€83,014.54) wara li jitnaqqsu minnhom l-ispejjeż kollha tal-istess Ċedola ta' Depożitu, u dana bħala d-debitu kollu dovut mis-soċjetà konvenuta versu s-soċjetà attriċi hekk kif likwidat f'din il-kawża.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u taċ-Ċedola tad-Depożitu Numru 697/2015 għandhom jitħallsu mis-soċjetà attriċi.**

Moqrija.